~~L-ġieħ wisq għoli li jmiss~~
~~Lil Sultan hekk twajjeb u ħanin.~~
~~Ulied Erbu għalhekk int qis li togħġob~~
~~U l-ħajta mdehba ta' ħajtu int qis li ttawwal~~
~~U qatt ir-risq ma jonqsu jew l-hena f'qalbu.~~
~~* Saltan, saltan, ja qalbieni:~~
~~Ismek ġieħ din l-Art ħanina.~~
~~Id-Destin iridek, ħieni~~
~~Ħajja twila tgħix għalina.~~
~~Ma' kull fejn il-Muża ttir~~
~~Tagħtek dejjem kull tifħir.~~
~~Magħruf ismek ma' kulħadd:~~
~~Kbir ġiehek ma jmut qatt. *~~

~~*(Ikompli f'għadd ieħor)*~~

~~Guido Saliba.~~

## IL-QIEGĦA

*Sa fl-aħħar sar il-qamħ. Ġo għalqa kbira,*
*Imnikkta għax ħadulha l-ġmiel u l-ħdura,*
*Hemm gżira kollha deheb, l-aħħar tifkira*
*Tas-sbul sabiħ imewweġ qalb is-sfura.*

*Il-ħidma ma taqtax fuq dik il-gżira:*
*Mar-rġiel bil-luħ u l-midra, hemm miġbura,*
*Il-bhima ddur iddur donnha xi lsira,*
*U lkoll, jiem sħaħ fix-xemx, bl-għeja maħqura.*

*Tgħid wara dat-taħbit ta' sena sħiħa*
*Għad tasal f'ħalq kulħadd il-ħobża bnina,*
*Jew jieklu biss il-ftit u l-fqir ibati?*

*Naf biss li, bi ftit frak, xitwa mistrieħa*
*Sa jgħaddi n-nemel kollu ġol-kantina.*
*Għalhekk, jekk hawn il-ġuħ, min huwa ħati?*

Dun Frans Camilleri.